# 15-IL MISTOQSIJA GĦAD-DENOMINAZZJONIJIET
# TWEĠIBA BIBLIKA WAĦDA

1. Liema knisja denominazzjonali waqqaf Kristu meta Hu qal, "*Jiena nibni l-knisja Tiegħi*" (Mattew 16:18)? – (**Ebda waħda**)
2. Liema Knisja denominazzjonali tgħid il-Bibbja li Kristu ta' lil xi wħud li jkunu "*appostli, lil xi wħud profeti, lil xi wħud evanġelisti, lil xi wħud rgħajja u mgħallmin*" (Efesin 4:11)? – (**Ebda waħda**)
3. Lil-liema Knisja denominazzjonali l-ittri: lir-Rumani, l-Ewwel u t-Tieni Korintin, Galatin, Efesin, Filippin, Kolossin, u l-Ewwel u t-Tieni Tessalonikin kienu miktuba? – (**Ebda waħda**)
4. Ta' liema Knisja denominazzjonali tinsab l-organizzazzjoni fil-Bibbja? – (**Ebda waħda**)
5. L-Ittri ta' Titu u l-Ewwel u t-Tieni Timotju kienu miktuba lill-predikaturi ta' liema Knisja denominazzjonali? – (**Ebda waħda**)
6. Liema Knisja denominazzjonali wiegħed Ġesù li jarġa' jiġi lura għaliha u jsalvaha fis-Smewwiet (Ġenna)? – (**Ebda waħda**)
7. Il-Ktieb ta' l-Atti huwa l-istorja tal-knisja tal-bidu ta' liema knisja denominazzjonali? – (**Ebda waħda**)
8. Liema passaġġ fil-Bibbja jgħallem l-idea moderna, "Issieħeb mal-knisja ta' l-għażla tiegħek"? (**Ebda wieħed**)
9. Meta Alla ispira lil l-appostlu Pawlu biex jikteb, "*hemm ġisem wieħed*" u "[13]*Għax bi Spirtu wieħed aħna lkoll, sew Lhud u kemm Ġentili, sew ilsiera u kemm ħielsa, konna mgħammdin f'ġisem wieħed…*" liema denominazzjoni kien Alla qiegħed jiddeskrivi? – (**Ebda waħda**)
10. Jekk inti membru ta' denominazzjoni, liema denominazzjoni tgħidlek il-Bibbja biex tissieħeb fiha? – (**Ebda waħda**)
11. Ta' liema denominazzjoni Sidna Ġesù Kristu huwa r-Ras? (Efesin 4:15; Kolossin 1:18). – (**Ebda waħda**)
12. Ta' liema denominazzjoni kienu kull waħda mis-seba' knejjes ta' l-Asja (imsemmija f'Rivelazzjoni —3)? – (**Ebda waħda**)
13. Liema Knisja denominazzjonali ssieħbu l-appostli? – (**Ebda waħda**)
14. Liema Knisja denominazzjonali l-Mulej salva nies fiha f'Atti 2:36-47? – (**Ebda waħda**)
15. Liema Knisja denominazzjonali int għandek tissieħeb fiha? – (**Ebda waħda**)

Kristu waqqaf u bena knisja waħda biss, mhux ħafna denominazzjonijiet differenti li jgħallmu diversi dottrini li ma jaqblux bejniethom.

Dawn kollha li huma Kristjani skond il-pjan tal-Bibbja (Mattew 28:18-19; Mark 16:16; Atti 2:336-38; 22:16; Rumani 10:9-10), huma membri tal-knisja waħda u unika (Atti 2:47; Efesin 4:4), u mbagħad isiru membri tal-kongregazzjonijiet lokali (Rumani 16:16; Atti 9:26;-28).

Ħalli Ġesù jżidek fil-knisja unika li Hu waqqaf (Mattew 16:18). Jitkellem dwar il-knisja ta' Kristu, Luqa jikteb, f'Atti 2:47,

"*U l-Mulej kien kuljum iżid lill-knisja dawk li jkunu salvati.*"

F'versi 36-46 wieħed jara xi kkmandaw l-appostli lin-nies sabiex huma jkunu salvati u miżjuda fil-knisja ta' Kristu.

"36*Mela ħa tkun taf fi żgur id-dar kollha ta' Iżrael, li Alla għamel lil dan stess Ġesù, li intom sallabtu, sew Mulej u kemm Kristu.* 37*Issa meta semgħu dan, tniggżu f'qalbhom, u qalu 'l Pietru, u lill-bqija ta' l-appostli: Irġiel u aħwa, x'għandna nagħmlu?* 38*U Pietru weġibhom: "**Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra ta' dnubietkom; u intom tirċievu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu.*** 39*Għax għalikom hi l-wegħda, u għal uliedkom, u għal dawk kollha li huma fil-bogħod, u lil kemm isejjaħ il-Mulej Alla tagħna.* 40*U b'ħafna kliem ieħor kien jixhed u jħeġġeġ, billi jgħid: Salvaw lilkom infuskom minn dan in-nisel qarrieqi.* 41*Imbagħad dawk li laqgħu l-kelma tiegħu bil-ferħa kienu mgħammdin: u żdiedu magħhom dak in-nhar madwar tlitt elef ruħ.* 42*U kienu jżommu sħiħ fit-tagħlim ta' l-appostli u fil-għaqda ta' bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb.* 43*U biża' ġie fuq kull ruħ: u ħafna egħ-ġubijiet u sinjali kienu jsiru mill-appostli.* 44*U dawk kollha li emmnu kienu jkunu flimkien, u kellhom kollox bejniethom;* 45*U kienu jbigħu ġidhom u ħwejjiġhom, u jqassmuhom bejn kulħadd, skond ma wieħed kien jaħtieġ.* 46*U baqgħu kuljum jiltaqgħu b'fehma waħda fit-tempju, jiksru l-ħobż minn dar għal dar, u jieklu l-ikel tagħhom bil-ferħ u s-safa tal-qalb.*

Dak li Pietru (u l-appostli l-oħra, v. 11, 14) għallmu kien eżattament dak li Ġesù kkmandahom f'Mattew 28:18-19, f'Mark 16:15-16, f'Luqa 24:47 u fi Ġwanni 20:23. Il-Bibbja tgħidu, mela emmnu, u kun salv bih! Tinsiex li:

"4*Hemm **ġisem wieħed**, u Spirtu wieħed, bħal ma kontu msejħin f'tama waħda tas-sejħa tagħkom;* 5*Mulej wieħed, fidi*

*waħda, magħmudija waħda,* 6 *Alla wieħed u Missier kulħadd, …*" (Efesin 4:4-6).